**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**<u>Rikors nru :131/2024 AGV</u>**

**RBC u MB C**

**-vs-**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Konġunt ta' RBC detentriċi tal-karta tal-identita' U MB C**

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħhom huma jikkonfermaw:

1. Illi huma żżewġu nhar l-għaxra (10) ta' Gunju, Elfejn u Sbatax (2017) hekk kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala **Dok. A**).

2. Illi minn dan iż-żwieġ l-esponenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-esponenti isseparaw legalment permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u erbgħa (2024) fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, kopja tal-istess anness u mmarkat bħala **Dok. B**;

4. Illi l-esponenti jikkonferma illi huma ilhom *de facto* separati minn xulxin mis-sitta (6) ta' Ottubru, tas-sena Elfejn Tnejn w'Għoxrin (2022).

5. Illi l-konjugi b'hekk ilhom separati oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi;

6. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

7. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

8. Illi l-partijiet jixtiequ jottjenu d-divorzju u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi umilment mitluba sabiex:**

(i) Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, RBC u MBC

(ii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fl- 10 ta' Gunju 2017**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**